MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Numru 110/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Maria Stella Attard**
v

**ALFRED FELICE**

**Il-Qorti;**

Rat lil imputat **ALFRED FELICE** ta’ tmienja w ghoxrin sena, bin Emanuel u Nazzarena nee Falzon, mwieled Pieta nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Mejju 1977, u residenti 13, Triq il-Habbieza, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita` numru 265877M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fil-wiehed u tletin ta’ Jannar 2006 ghal habta tal-hamsa w kwart ta’ filghodu f’Hal Qormi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Jason Vella

f'perikolu car, permezz ta' strument li jaqta u jniggez [sikkina], ikkagunalu feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Doctor Noel Cassar tal-isptar San Luqa;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, dolozament bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jason Vella minn Hal Qormi, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi xejjer l-imsemmija sikkina fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa permezz ta' strument li jaqta u li jniggez fuq il-persuna ta' Jason Vella, hekk kif ccertifikat minn Doctor Noel Cassar MD fl-isptar San Luqa;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hwejjeg li huma proprjeta ta' Jason Vella, liema hsara tammonta ghal aktar minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Jason Vella;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qieghed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u li jniggez;

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm u garr strument li jaqta u li jniggez (sikkina) minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

7. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

8. Talli hebb kontra Dorianne Vella u Jason Vella sabiex jingjurhom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tlieta ta' Frar 2006 [fol 4] sabiex fin-nuqqas t' oggezzjoni da parti tal-imputat din il-Qorti tiddecidi fuq il-htija li tista tinstab kontra l-istess imputat.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar t-tlieta ta' Frar 2006, ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 7].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta ta' nhar s-sbatax ta' Awissu 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2006 **deher l-allegat vittma Jason Vella**, li ghazel li jixhed nonostante li gie mwissi mill-Qorti li kellu kull dritt li ma jwegibx ghal dawk d-domandi li kienu ser isirulu, jekk ihoss li kien ser jinkrimina ruhu u dan ghaliex fil-konfront tieghu kienu ghaddejjin proceduri kriminali.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2006 **xehdet Dorianne Vella** [fol 15] fejn qalet li jum minnhom hi semghet il-qanpiena tal-bieb ta' barra ccempel kif wkoll xi tisbit mal-bieb ta' barra u qamet tigri u staqsiet lil zewgha minn setgha kien dak l-hin, peress li kienu ghadhom l-hamsa w kwart ta' filghodu. Qalet li zewgha Jason Vella qalilha biex ma tinkwetax u regghet dahlet fil-kamra taghha. Kompliet tispjega li xi ftit hin wara bdiet tisma hafna ghajjat u nizlet tigri w appena fethet il-bieb ta' barra, rat lil imputat, li gharfet presenti fl-awla, b'idejh wara dahru u b'sikkina f'idejh. Qalet li dak l-hin twerwret u semghet lil imputat joffendi lil zewgha bil-familja u jghidlu biex imur igib lil hutu. Spjegat li dak l-hin, l-imputat qabad lil zewgha u beda jsabbtu mal-bieb tal-girien u jxejjer sikkina f'idejh biex jaghti biha lil zewgha. Qalet li hi marret fuq l-imputat w ippruvat zzommlu idejh pero m'irnexxiliex

tohodlu s-sikkina minn idu. Qalet li xi hin rat lil imputat jaqbad lil zewgha, jitfghu tahtu u jaghtih daqqiet bis-sikkina. Spjegat li zewgha beda jipprova jizgicca minn tahtu waqt li qalilha ccempel lil pulizija u zewgha telaq jigri lil hinn. Sussegwentement l-imputat rega' dar ghal wara zewgha pero ftit hin wara rritorna ghal karozza, dahal fiha u harab minn fuq il-post. Qalet li hi cemplet lil pulizija mill-ewwel. Qalet li kellha t-tfal imqajjmin, li bdew jwerzqu.

Mistoqsija mill-Qorti jekk kienetx taf fuq x'hiex inqala l-incident, ix-xhud wiegbet li ma kienetx taf, ghax zewgha ma kien qalilha xejn. Mistoqsija jekk zewgha spiccax b'xi feriti, ix-xhud wiegbet li zewgha spicca b'daqqiet ta' sikkina go dahru, kellu girfa ma ghonqu u ferita ohra f'siequ. Qalet li lil imputat hi ma kienetx tafu qabel l-incident pero semghet lil zewgha jghid l-isem ta' Fredu li kien mar wara l-bieb taghha. Ix-xhud qalet li fl-ebda hin ma rat lil zewgha jaghti b'sikkina lil Fredu u lanqas ma rat lil imputat idahhal sikkina f'ghonq zewgha. Qalet li zewgha jahdem il-hobz u li hi qatt ma rat s-sikkina li kellu f'idejh l-imputat qabel u li zewgha ma juzax skieken fil-forn fejn jahdem.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2006 **xehed PS 1579 Johan Mifsud** [fol 18] fejn qal li nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2006, waqt li kien stazzjonat l-ghassa Hal Qormi, ghal habta tas-sitta u nofs neqsin hamsa ta' filghodu, kien mar l-ghassa Jason Vella imwerwer, jaghmel rapport li kien ghadu kemm gie ferut mill-imputat. Qal li ghamel tfittxija fuq il-persuna tieghu li rrizultat fin-negattiv. Qal li Jason Vella urih koxtejh fejn kellu daqqa ta' mus u hu baghtu l-isptar jiddewwa. Zied jghid li sadanitant hu mar ifittex lil imputat, li gharaf presenti fl-awla, sabiex jiehu l-versjoni tal-fatti minghandu ta' kif sehh l-incident. Kompla jghid li xi tlett kwarti wara rcieva telefonata mill-isptar li l-imputat kien jinsab l-isptar b'xi feriti w ghalhekk mar ikellemu hemmhekk. Qal li wara li tah s-solita twissija, l-imputat irrisponda ghal kull domanda li ghamillu. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li hu ha 'n konnessjoni ma dan il-kaz li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 21]. Qal li hu tkellem wkoll ma mart Jason Vella u cioe Dorianne Vella, peress li allegatament kienet xhud okulari

li minn naha taghha ikkorroborat l-versjoni tal-fatti kif moghtija minn zewgha Jason Vella. Qal li minn tfittxija li saret ghal allegata arma fuq il-post u fil-vettura tal-imputat, ma rrizulta xejn posittiv. Spjega li Jason Vella kien mar l-ghassa bil-giri, fil-fatt qal li ma tantx kien hemm boghod minn fejn sehh l-incident sal-ghassa. Kompla jghid li Jason Vella kien rrappurtalu li ghal habta tal-hamsa w nofs ta' filghodu kien mar ihabbatlu l-bieb tad-dar tieghu l-imputat, nizel isfel biex jiftah, bdew jargumentaw bejniethom u hin minnhom l-imputat laqtu bi strument. Kompla jghid li Jason Vella ma qallux li l-imputat kien ferut, qallu biss li kien iddefenda ruhu. Qal li versjoni ta' kif sehh l-incident minghand l-imputat ma hax, ghaliex ma kienx tah l-versjoni tieghu. Spjega li l-feriti li kellu l-imputat kienu jidhru ta' natura gravi u ta' Jason Vella ta' natura hafifa. Qal li Jason Vella dejjem kien konsistenti fil-versjoni tal-fatti kif tahomlu.

Illi nhar t-tmienja ta' Mejju 2006 **rega' xehed PS 1579 Johann Mifsud** [fol 58] fejn spjega li meta tkellem ma mart Jason Vella, u cioe Dorianne Vella, hi kienet ikkorroborat l-fatti kif moghtija minn zewgha. Qal pero li ma kienetx qaltlu li zewgha kien ta daqqa ta' sikkina lil imputat, qaltlu biss li l-imputat kien ghamel sikkina ma ghonq zewgha.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2006 **xehdet WPC 132 Rita Compton** [fol 29] fejn qalet li minn ricerka li ghamlet hi fuq l-imputat Alfred Felice jirrizulta li m'inghata ebda licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex igorr jew izomm arma tan-nar.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2006 **xehed PS 403 James Grech** [fol 31] fejn qal li dakinhar tal-wiehed u tletin ta' Jannar 2006 waqt li kien xoghol, ghal habta tas-siegha w nofs ta' wara nofsinhar, l-Ispettur Maria Stella Cutajar taghtu struzzjonijiet sabiex jakkumpanja lil membri tal-forensika f'Ward S3 fl-isptar San Luqa fejn kien hemm l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, u dan sabiex jittehdulu xi ritratti tal-feriti li allegatament kellu. Zied jghid li wara li nghata s-solita twissija, staqsih jekk kienx jaf xi haga dwar il-kaz in kwistjoni u fejn kien jinsab il-*corpus delicti*, pero l-

imputat kien ghazel li ma jirrispondix. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument Z [fol 33].

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2006 **xehdet l-Ispettur Maria Stella Attard** [fol 36] fejn qalet li nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2006, ghal habta tal-hamsa w kwart ta' fighodu, kienet giet infurmata li Jason Vella detentur tal-karta tal-identita numru 3373M kien ghamel rapport l-ghassa ta' Hal Qormi li kien ghadu kemm gie aggredit mill-imputat hdejn r-residenza tieghu 40, Triq Bertu Hyzler, Hal Qormi u garrab xi griehi. Zied jallega li l-imputat kien aggredih, u meta refa' idejh, nnota li kellu strument bil-ponta meta laqtu w ikkagunalu griehi fuq koxtejh l-leminija u wara l-imputat harab minn fuq il-post. Ix-xhud ziedet tghid li hi marret fuq il-post u tat struzzjonijiet lil Jason Vella sabiex imur ghal kura medika l-isptar San Luqa. Kompliet tghid li aktar tard irrizultalha li Jason Vella kien ezaminat minn Doctor Noel Cassar fejn sab li kien qed isofri minn ferita f'koxtejh, f'ghonqu u dahru fost feriti ohra li kollha kienu ta' natura hafifa. Ix-xhud esibiet certifikat mediku fil-konfront ta' Jason Vella li gie mmarkat bhala dokument MA. Ziedet tghid li nizjalment kien inhareg certfiikat mediku fil-konfront ta' Jason Vella fejn l-istess tabib ma kienx innota l-griehi f'ghonqu.

Sadanitant, kompliet tghid l-Ispettur Maria Stella Attard, saret taf li l-imputat kien wkoll spicca l-isptar ghal osservazzjoni w ghalhekk waqqfet t-tfittxija li kienet ordnat qabel ghal imputat u baqghet sejra l-isptar fejn giet infurmata li l-imputat kien gie nvistat minn Doctor Farrugia fejn sab li kellu ferita *in the left hypochondrium*, liema certifikat kien esibit fi proceduri li hemm pendenti kontra Jason Vella fuq attentat ta' qtil.

Ziedet tghid li wara li tkellmet ma Doctor Anthony Zammit -konsulent tal-imputat, dan kien ikkonferma li l-imputat kien konxju u fi stat mentali tajjeb li seghet tiehu minghandu l-versjoni tal-fatti kif sehh l-incident. Pero, kompliet tispjega x-xhud, meta tkellmet mal-imputat dwar l-incident, hu ma kien taha ebda informazzjoni. Qalet li fuq il-post tal-incident ma kien hemm ebda evidenza ta' xi

strument relatat ma dan l-incident. Saret wkoll tfittxija ghal vettura tal-imputat u wara li l-imputat stess kien ghenha fis-sens li minn jeddu, bil-volunta tieghu, kien ippermetta li ssir tfittxija fil-vettura tieghu, u dan wara tlett ijiem, ebda strument ma nstab fiha, la fil-pussess ta' Jason Vella, la tal-imputat u lanqas fuq l-post. Ziedet tghid li wara li l-imputat gie rilaxxjat mill-isptar, hi kienet tat struzzjonijiet lil membri tal-forensika sabiex jiehu ritratti tal-feriti li sofrew kemm l-imputat kif wkoll Jason Vella. Kompliet tghid li hi hadet stqarrija minghand Jason Vella wara li taghtu s-solita twissija fil-presenza ta' PC 677, fejn spjega li hu kien gie avvicinat fil-hanut tal-hobz tieghu f'Hal Qormi mill-imputat, fejn inqala argument fuq xi kliem li ntqal fil-program Xarabank dwar xi *gambling*. Spjega li wara l-imputat kien mar d-dar tieghu fejn sawwtu, refa' idejh fuqu anke b'sikkina. Spjega wkoll li kien hemm martu li ppruvat tghinu waqt din il-glieda w assistitu min wara, minn naha ta' dahru. Ix-xhud kompliet tghid li hi hadet wkoll stqarrija minghand mart Jason Vella, Dorianne Vella wara li tatha s-solita twissija, fejn qaltilha li meta hi marret biex tassisti lil zewgha Jason, l-imputat kellu sikkina bil-manku iswed f'idejh.

L-Ispettur Maria Stella Attard ziedet tghid li hi hadet wkoll stqarrija minghand l-imputat wara li wkoll nghata s-solita twissija. Qalet pero li l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat kienet totalment differenti minn dik moghtija minn Jason Vella. Fil-fatt l-imputat qal li hu kien ghaddej bil-vann tieghu minn Victory Street u Jason Vella kien quddiemu bil-vann tieghu u Jason Vella tefa' l-vann mal-hajt u nizel ghalih b'lembuba daqs tul ta' metru b'sikkina twila xi ghaxar centimetri bil-manku skur b'kollox. Spjega li hu ma setghax ikompli jsuq ghaliex Jason Vella hariglu ghan-nofs. Kompla jghid li hu hareg mill-karozza tieghu u mar biex johodhomlu minn idejh meta Jason Vella xejjirlu daqqa ta' sikkina fid-direzzjoni ta' zaqqu u laqtu. Qal li wara li rnexxielu johodlu l-lembuba, wara li qabdu f'xulxin, remiha x'imkien. Qal li jahseb li laqat lil Jason Vella meta kien qed jipprova johodlu l-armi minn idejh. Zied jghid li hu beda jxejjer idejh wkoll sabiex jilqa d-daqqiet. Qal li wara, Jason Vella telaq jigri lejn d-dar tieghu u hu mar l-poliklinika tal-Gzira peress li kellu d-demm fejn minn

hemm gie mehud b'ambulanza l-isptar. Ix-xhud qalet li minn tfittixija li saret fi Triq il-Vitorja fejn allegatament sehh l-incident, fil-vettura tal-imputat, fid-dar tieghu u anke fuq il-persuna tieghu, m'instabu ebda strumenti. Qalet li l-imputat kien qalilha li l-ewwel darba li ra l-arma kien f'idejn Jason Vella u li kienet l-unika arma li ntuzat fl-argument. Qalilha wkoll li hu qatt ma kien fil-pussess ta' xi arma. Ix-xhud ikkonfermat l-firma taghha, dik tal-imputat kif wkoll dik ta' PC 1597 Alfred Chetcuti fuq l-istqarrija dokument AM 2 a fol 44. Qalet li l-imputat xtaq jirranga kull argument u problemi li kien hemm bejnu u bejn Jason Vella. Ix-xhud esibit certifikat mediku mahrug minn Doctor Noel Cassar fil-konfront ta' Jason Vella li gie mmarkat bhala dokument AM 3.

Illi nhar t-tmienja ta' Mejju 2006 **xehed PS 46 Charlo Casha** [fol 53] fejn ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dokument FOTO [fol 55] u dan in konnessjoni ma tlettax il-ritratt li hu ha tal-feriti li allegatament kellu fuq il-persuna tieghu Jason Vella, detentur tal-karta tal-identita numru 3373M.

Illi nhar t-tmienja ta' Mejju 2006 **xehed PC 1104 Silvio Spiteri** [fol 56] fejn ikkonferma li l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, kien irrilaxxja l-istqarrija esibita a fol 44 tal-atti. Ikkonferma fuq kull faccata taghha din l-istqarrija, l-firma tieghu, dik tal-imputat kif wkoll tal-Ispettur Maria Stella Attard. Zied jghid li hu kien gie moghti struzzjonijiet sabiex jaghmel tfittxija fi Triq Hyzler f'Hal Qormi bil-ghan li tinsab l-arma allegatament uzata f'dan l-incident, liema tfittxija tat rizultat negattiv. Mistoqsi jekk kienx hemm xi vetturi fil-vicinanzi, x-xhud wiegeb li kien hemm u hu ghamel anke tfittxija taht l-imsemmija karozzi, fil-gemb u mal-bankina, u dan fil-presenza tal-istess imputat, pero kellu rizultat negattiv wkoll.

Illi nhar l-ghaxra ta' Lulju 2006 **xehed PC 453 Brian Cassar** [fol 64] fejn esibixxa tnax il-ritratt li kien mitlub jigbed mill-Ispettur Maria Stella Attard in konnessjoni ma dan il-kaz, liema ritratti gew immarkati bhala dokument BC [fol 66]

Illi nhar d-dstatax ta’ Lulju 2006 **xehed Doctor Noel Cassar** [fol 69] fejn ikkonferma li nhar l-wiehed u tletin ta’ Jannar 2006, hu kien ezamina lil Jason Vella fid-dipartiment tal-emergenza tal-isptar San Luqa fejn irrizultalu li kien sofra ferita kawzata minn strument bil-ponta li taqta fuq in-naha tal-koxxa l-leminija li kienet centimetru tul u fond zewg centimetri punt hamsa. Qal li kellu wkoll girfa ta’ madwar tmien centimetri fuq l-lemin ta’ ghonqu, zewg daqqiet bi strument li jaqta u bil-ponta fuq in-naha ta’ wara ta’ spalltu x-xellugija, tlett girfiet zghar fuq l-xellug ta’ dahru u tbengila fuq zaqqu. Ix-xhud ikklassifika dawn il-feriti bhal ta’ natura hafifa. Ix-xhud ikkonferma, li d-dokument AM 3 a fol 47 tal-atti, gie rilaxxjat minnu.

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk m’hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhix mis-sewwa jew hix kostanti u ta’ fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti hija f’posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta’ zmien w ghalhekk hija f’posizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess setgha kellu xi xhud f’data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero huwa veru ukoll kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta’ Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat qabad u mar jiggieled mal-vittma u dan permezz ta' strument bil-ponta u li jaqta u kkaguna diversi feriti kif deskritti mit-tobba fic-certifikati esibiti fl-att u del resto, kif spjegat mill-istess vittma. Il-prosekuzzjoni qed tallega wkoll li l-imputat kien gewwa daru rieqed ma martu, meta gie aggredit ghal gharrieda.

Id-difiza ma ressqet ebda prova kuntrarja ghal din il-versjoni tal-fatti u strahet biss fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni dokument AM 2 [fol 44 ].

Illi minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat allega li kien hu li gie aggredit waqt li kien bil-vann tieghu ghaddej fi Triq il-Vitorja, Hal Qormi. Fl-istqarrija tieghu pero l-imputat gie mistoqsi li fil-fatt uza s-sikkina waqt l-incident u hu wiegeb li bil-biza ma kienx jaf x'qed jaghmel izda zgur li xejjirha [fol 45].

Jammetti wkoll li qal kliem oxxen izda mhux ta' theddid. Jispjega wkoll li s-skkina halliha hu mal-art fejn inqala l-inicident. Jghid pero li huwa xejjer idejh u beda jilqa d-daqqiet ta' sikkina minghand l-vittma.

Din tidher inverosimili ghaliex kieku ma kienx ikun l-vittma li kellu marki ta' *self defense* fuq il-persuna tieghu, izda hu.

L-imputat, ferita wahda biss kellu, filwaqt li l-vittma kellu diversi, ghalkemm veru ta' inqas severita. L-imputat jghid li kien irrabbjat minhabba xi program li deher fuq t-television. Ametta li kellu xi jghid mal-vittma u li tghajjru bejniethom.

Il-Qorti thoss li din hija r-reguni ghaliex inqala l-incident mertu ta'din il-kawza u cioe li l-imputat mar ghas-sodisfazzjon ghand l-imputat ghal dak li kien inqala jumejn qabel.

Illi x-xhieda tal-prosekuzzjoni hija kostanti, kredibbli u attendibbli. Hija l-istess xhieda li nghatat mill-bidu tal-investigazzjoni sa meta xhedu l-Qorti u l-versjoni taghhom kienet wahda li l-imputat agredixxa lil vittma.

Fid-dawl tas-suespost, ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputat hati tal-akkuzi kollha salv u b'eccezzjoni tar-raba akkuza mill-liema akkuza qed tilliberah fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti rat l-fedina penali netta tal-imputat esibita a fol 6 tal-atti minn fejn jirrizulta li hemm registrata fuqha tlett *convictions* kontra l-Ordinanza tat-Traffiku meta kien inghata *unconditional discharge*.

Ghalhekk **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 221, 214, 216, 217, 218, 41(1)(a), 338(dd), 339(1)(e) u 533 tal-Kap 9, l-artikolu 26 u 3(1A) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat ALFRED FELICE hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, salv u b'eccezzjoni tar-raba [4] akkuza mill-liema akkuza qed tilliberah, u tiddecidi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmien [8] xhur sospizi ghal tlett [3] snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tikkundanna lil imputat sabiex ihallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-process u **tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda perit jew espert ma gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------